# ID-DEMUS

Waħda mill-ħwejjeġ magħġuna mal-bniedem mill-ħulqien hija l-imħabba għat-tagħrif ta' l-imgħoddi. Issib il-bniedem f'kull għomor mogħti għal dil-ħaġa: ix-xiħ iħobb igħid u jtenni x'għamel f'żgħożitu; iż-żagħżugħ x'għamel fi tfulitu; it-tfal u ż-żgħażagħ inbagħad iħobbu jisimgħu 'l missierhom jew ġiddhom jitħaddet fuq li għamel, ra jew sama' fi żmienu. Din il-ġibda mħarsa u mirquma, tikber u tinfirex; għalhekk issiblek min iħobb jaf m'hux biss x'għamel missieru jew ġiddu ħamsin u sittin sena ilu, imma kif kienu jgħixu n-nies eluf u eluf ta' snin qablu. Ix-xewqa li nagħirfu fuq il-qodma tqawwiet għal kollox fi żmienna, u l-fejda li iġġib m'hix għajr tħajjar u ġġagħal 'il kemm-il-wieħed li jħalli art twelidu, jonfoq flusu, jaħli ħajtu biex imur jiftaħ xi qabar, jikxef xi żewġ ħaġriet, jiġbor xi erba' xaqqufiet!

Imma x'jista' jagħraf il-wieħed minn oqbra, ħaġar u xaqquf?

Ma jistâx jagħraf kollox, iva, imma jagħraf xi ħaġa. Minn ftit tal-fdal imħolli midfun minn kemm-il-elf sena nistgħu naqbdu wisq minn kif kienu jgħixu u x'kienu jemmnu dawk in-nies ta' qabilna, li minnhom nieżla ħajjitna. Biex nifhmu dan, nistħajluna nżuru żjara demus, li Malta miżgħuda bihom. X'inhu d-demus? Qatt rajtu fix-xagħri xi ħofra maqtugħa fil-blat, imrabbgħa mas-sitt ixbar tul kull naħa, li bħal twejqa f'wieħed mill-ħitan? dak hu d-demus! huwa qabar li fih kienu jindifnu l-kbarat fost misserijietna. Nistħajluna nifthu demus magħluq biex naraw ukoll x'ikun fih minn ġewwa.

Għedna li d-demus huwa bħal menqa żgħira b'erbât irkien maqtugħa fil-blat, mas-sitt ixbar tul u wisa', f'waħda mir-rkien naqra ta' taraġ; fil-ħajt bħal twejqa misduda b'ħaġra. Naqilgħu l-ħaġra u nittawlu ġewwa: insibu bħal grejna moħwija fil-blat: quddiemna bħal sodda, bl-imħadda—kollox blat—fuq is-sodda għadam ta' bniedem nofsu mmermer: ma' dwaru xi brajma, xi ġrajra, xi bwejqa; musbieħ u xi ħaġa tal-flus. Taraw? mal-mejjet jinsab kull ma jinħtieġ għall-ħaj: borma għal l-ikel, ġarra għax-xorb, musbieħ għad-dawl, flus biex jekk jonqsu xi ħaġa jkun jista' jixtriha! Naraw dan, tiġina l-ħajra li nistaqsu: għaliex niesna kienet tqiegħed dawn il-ħwejjeġ mal-mejtin? Jewilla kienet taħseb li fil-qabar jeħtiġilhom jieklu u jixorbu? Ma jidherx li dan, għax li kien hekk borma tisjir waħda, ġarra ilma, u musbieħ


Plan of
Rock tomb at Kallilia
Scale 1/50
G.D


Section of
Rock tomb at Kallilia
scale 1:50
G.D.

DWIEMES

żejt ma kenux ikunu biż-żejjed għaż-żmien kollu li l-mejjet idum fid-demus. Mela għal xi ħaġ'oħra. Għaliex, tgħid? Jekk tgħidu miegħi did-drawwa ta' niesna li jatu 'l-mejtin ħteġiet il-ħajjin daħħlitha l-imħabba li nies ta' dar waħda kienu jħobbu 'l xulxin. Araw għaliex.

Nafu li misserijietna—il-Qangħanin—kienu jimxu għal kollox mal-ġibdiet ta' qalbhom, tajbin jew—jaħasra!—ħżiena. Issa x'iħoss il-wieħed meta jmutlu xi ħadd għażiż għalih? Qattx ġarrabtu? Jaf li hu mejjet, imma jħoss li *ma jistâx* jemmen li hu mejjet tassew! l-iżjed jekk dak kien għadu żagħżugħ u f'saħħtu. Dix il-ġibda għamja, mela, li nħossu fi qlubna mita naraw 'il xi ħadd maħbub minna mixħut mejjet li twissina li hu ħaj, ġagħlet 'il misserijietna li jġibu ruħhom mal-mejtin fi dfinhom bħal kieku ħajjin, ta' l-anqas għal jum wieħed—għax "la l-ġisem jitherra, il-ħasra tidderra". Ma jidhrilkomx hekk?

Iss'ejjew noħorġu fil-bitħa u naraw xi ħaġa oħra. F'waħda mir-rkien tal-bitħa li quddiem id-demus, hemm naqra ta' taraġ. Għal fejn ġie magħmul? Biex jinżlu bih bil-mejjet? Lê, għax dejjaq wisq u bil-kemm jista' jinżel minnu wieħed waħdu bla mgħobbi, tarġa' għal niżla waħda ma kienx jeħtieġ li l-ħaffier jaħli żmien u saħħa biex jaqta' taraġ. Mela, magħmul għal min kellu jinżel u jitla minnu wisq drabi. Issa, min jinżel u jitla minn qabar wisq drabi huma dawk li jżuru 'l mejjet. U min sata' jiġi jżur 'il mejjet fid-demus għajr qrabatu u ħbiebu? Ħadd ħliefhom. Hekk nitgħallmu ħaġ'oħra: nies il-midfun kienu jmorru jżuruh fid-demus—aktarx kull qamar ġdid u għejjieda oħra ma' tul is-sena, jew meta jkollhom xi aħbar x'jatuh.

It-taħfir tad-demus il-blat, inbagħad, fi żmien meta l-għodda qajla x'kienet u għal xogħol bħal dak kien jinħtieġ żmien twil, igħallimna li niesna kienu jaħsbu fil-mewt sa minn meta għadhom fl-aħjar tagħhom; u li kienu jqimu l-mejtin billi jħarsu għadamhom (1) bħal min bil-mewt ma ntemmx għal kollox—għax b'alleċ! li wara dil-ħajja hemm ħajja oħra, m'hix ħaġa li bdiet titwemmen il-bieraħ!

F'kelma waħda, ftit milli jgħallimna d-demus hu dan: li l-qodma kienu jħobbu 'l xulxin: li ma kenux jinsew 'il xulxin anqas wara l-mewt: li kienu jitħejjew għat-tluq minn

(1) Niftakar mita kont tfal rajt demus miftuħ ġdid, fil-lemin ta' dik il-knisja ingarrfa li hemm fuq ir-riħ ta' Ġnien iż-Żgħir; ħdejh kien hemm żewġ għadmiet daqsiex mormija fl-art. Kont nixtieq intarraf: il-għadam ta' fid-dwiemes ma jistħoqqlux ftit iżjed qima milli jirtema kif ġie-ġie? Huwa għadam ta' bniedmin bħalna, u aktar, huwa għadam niesna. X'fiha kieku wieħed iħaffer ħofra u jordmu mill-ġdid?

did-dinja żmien twil qabel: li kienu jemmnu li l-ġisem hu li jmut, u lê r-ruħ!

* * *

La darba qbadna nitħaddtu fuq id-demus: tafu xejn li d-dfin fid-dwiemes għad ma nqatâx għal kollox minn ġensna? huma niesna l-Għariema ta' Qangħan li għadhom iżommu did-drawwa qadima ma' kemm-il-waħda oħra. F'xi rħula tal-Palestina dawn in-nies—li l-lum igħidulhom "fallaħîn"—meta jmutilhom xi ħadd, iħaffru qabar għamla ta' demus—jiġifieri btajħa, twejqa u girna taħt l-art—m'hux fil-blat, imma fit-torba, li nbagħad jirfduha bil-ħaġar minn kull imkien; meta jasal il-waqt li jidfnu l-mejjet, iġibuh u jimidduh ġewwa l-girna; miegħu jqiegħdu ħobż u żagħtar—ftajjar moħmija fit-tabûn (1), u weraq tas-sagħtar misħuq, bil-melħ u l-bżar—u kus żejt. Wara dan, iroddu t-twejqa tad-demus b'ħaġra: kollox bħal misserijietna. Bħal qodma tagħna wkoll, imorru jżuru 'l mejtin u jitħaddtu magħhom u jħabbruhom b'kull ma ġara' d-dar; ġie li jikru 'il xi wieħed li jaf igħanni biex jiġi fuq il-qabar bil-għana jħenni 'l-midfun.

Tarax—tagħlima oħra mid-dfin fid-demus—kif ġensna m'hux żgħir għal kollox! Għandna niesna l-Palestina li jitħaddtu lsienna, li wisq minn egħwiedhom jixbhu għal kollox 'l egħwied il-bdiewa tagħna—insemmi l-bdiewa għax il-ħajja maltija fihom l-aktar li tinsab safja—il-fuħħar tagħhom qisu l-fuħħar tagħna, il-ħrejjef tagħhom bħal ħrejjiefna (2).

U min huma dawn in-nies, dawn il-"fallaħîn?" Huma l-fdal tal-Qangħanin li baqgħu f'arthom wara d-daħla tal-Għebrin ma' Bin-Nun; dawk li fil-kotba mqaddsa nsibuhom jinbxu lil-Lhud, sa ma rażżanhom għal kollox Salamun is-sultan. Imrażżna, baqgħu jgħixu għal rashom. Bdew jemmnu b'Alla wieħed meta rignuhom il-Għarab; baqgħu jgħixu dejjem għal riħhom, u barra minn qimet it-tiswir, għadhom sal-lum Qangħanin bir-ruħ u l-ġisem.

**G. B.**

(1) Tabun hi kelma maltija wkoll; għandna nies minn dar "tabun"—Tabone. Minn dan nigbru li Malta dari kellna t-tabun ukoll. Tafu kif inhu? Ġibu quddiem għajnejkom in-nofs il-fuqani ta' qolla, minngħajr għonq, għoli max-xibrejn, u wasa' ftit iżjed, bla qiegħ; l-art taħtu miksija biċ-ċagħak. Biex jaħmu l-ftajjar il-fallaħin jagħmlu hekk: iġibu rawt tal-baqar, niexef, u jiksu bih it-tabun minn barra, u jtuh in-nar; dan jibda jaqbad ftit-ftit. Kif it-tabun ikun saħan sewwa, il-mara jew min jaħmi, jikxef il-għatu tat-tabun u jqiegħed il-għaġina fuq iċ-ċagħak fil-qiegħ, kif ikun mikwi. Jarġa' jgħatti t-tabun. Ftit wara, il-ftira tittieħed misjura.

(2) Wisq mill-ħrejjef li ngħidu Malta — ta' Ġaħan u oħrajn — smajthom hawn il-Palestina, xi wħud minnhom kelma b'kelma kif nafuhom aħna! Ġaħan igħidulu hawnhekk "Ġuħa". Il-ħrejjef fuq il-ġrief jixbhu 'il tagħna wkoll. Xi darba naraw ingibux xi waħda f'"Il-Malti".